MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 186/2003

**Media. Link Communications Co Ltd**

**Vs**

**Sun City Leisure Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici lejn is-socjeta' attrici fis-somma ta' hamest elef u sebgha u ghoxrin Liri Maltin u sebghin centezmu (Lm5,027.70), liema somma hija dovuta bhala pagament ghal reklamar ordnat mis-socjeta' konvenuta fuq il-mezzi tal-media tas-

socjeta’ attrici, skond kif jidher mill-istatment anness mac-citazzjoni u mmarkat Dok “A”;

Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata thallas dan id-debitu, pero’ baqghet inadempjenti (Dok. B);

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta’ attrici, is-socjeta’ konvenuta m’ghandiex eccezzjonijiet x’taghti kontra t-talba attrici ghall-hlas ta’ l-imsemmi debitu.

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smigh a tenur ta’ l-artikolu 167 et seq. tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elef u sebgha u ghoxrin Liri Maltin u sebghin centezmu (Lm5,027.70), liema somma hija dovuta bhala pagament ghal reklamar ordnat mis-socjeta’ konvenuta fuq il-mezzi tal-media tas-socjeta’ attrici;

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Dr. Malcolm Mifsud u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa’ ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’ l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------